## Alla li jidħol fil-krejazzjoni tiegħu stess biex jurina min Hu!

Ir-rivelazzjoni t'Alla ma spiċċatx mal-waqgħa tal-bniedem, imma Alla, wara l-waqgħa ta' Adam u Eva, wegħedna l-fidwa u s-salvazzjoni. Alla baqa' dejjem mal-bniedem bil-għan li jagħtina l-ħajja ta' dejjem. Jekk inħarsu lejn it-Testment il-Qadim naraw li Alla kien daħal f'patt mal-bnedmin. It-Testment il-Qadim jurina r-rabta t'Alla mal-bniedem li ħalqu fuq xbieha tiegħu.

Alla fit-Testment il-Qadim tkellem u wera min hu permezz tal-profeti imma fit-Testment il-Ġdid huwa jkellimna permezz ta' Ibnu stess li huwa l-Kelma waħdanija, perfetta u deffinittiva t'Alla l-Missier. Għalhekk fil-Milied niċċelebraw meta ir-rivelazzjoni t'Alla laħqet il-qofol tagħha. Permezz ta' Ġesù, Alla wera' tassew min hu u qallilna kollox permezz ta' Ibnu l-għażiż li sar bniedem bħalna. Dan Alla tant iċċeken għalina li jagħżel li juri lilu nnifsu bħala bniedem għall-ewwel darba f'post imwarrab: ġewwa għar. Dan il-fatt ukoll jurina li Alla ma jagħżilx postijiet prominenti biex jurina min hu u dan nistgħu napplikawh f'ħajjitna wkoll. B'mod spiritwali kultant nfittixu jew nippretendiu li nsibu lil Alla f'ċirkustanzi u ġrajjiet partikolari fil-ħajja tagħna, imma jista jkun li lil Alla kapaċi nesperjenzawh f'affarijiet sempliċi u f'ċirkostanzi li ma nkunux qegħdin nistennew.

Ejjew inħallu ż-żmien tal-Avvent jgħinna niskopru iktar min hu Alla u kif dan Alla jista' jidħol fil-ħajja tagħna. Ejjw naħdmu biex Alla jkun parteċipi fil-ħajja tagħna ta' kuljim. Huwa tana l-għodda kollha meħtieġa biex jidħol fil-ħajja tagħna. Tana l-kelma tiegħu, is-sagramenti, l-knisja... Kemm verament qegħdin nagħmlu użu tajjeb minn din l-għodda li tana biex verament nesperjenzawh fil-ħajja tagħna? Ħalli dan il-Milied ikun esperjenza spiritwali qawwija billi mill-ġdid tiftaħ qalbek għal Ġesù Kristu u tħalliħ ibbidilek qalbek ma' tiegħu speċjalment bl-għajxien u l-għarfien tal-kelma tiegħu. Bħal ma jgħidlna San Tumas t'Akwinu: "Qalb Ġesù turina l-Iskrittura Mqaddsa, li biha nsiru nafu l-qalb ta' Kristu".

P. Aaron Zahra O.P.
*Pirjol*

*Il-Pirjol u l-Komunità jawguraw*
*il-Milied u s-Sena t-tajba.*

www.opbirgu.org

Patrijiet Dumnikani, Kunvent tal-Lunzjata, il-Birgu

# Mit-telgħa tal-Lunzjata

Ħarġa nru. 3 Diċembru 2019



# Programm għax-xahar ta' Diċembru 2019

It-Tnejn 2 ta' Diċembru
**INAWGURAZZJONI TAR-RESTAWR TAL-ĠILANDRA**

**Fil-5:30p.m.** Rużarju.
**Fis-5:45p.m.** Talba tal-Ewwel Għasar tad-Dedikazzjoni tal-Knisja.
**Fis-6:15p.m.** Quddiesa.
**Fis-7:00p.m.** Preżentazzjoni tar-restawr li sar fuq il-Ġilandra u jsir l-inawgurazzjoni tagħha.

IT-TLIETA 3 t' DIĊEMBRU
**SOLENNITÀ TAD-DEDIKAZZJONI TAL-KNISJA U ĠURNATA EWKARISTIKA.**

Wara l-quddiesa tal-10a.m. isir l-espozizzjoni ta' Ġesu' Ewkaristija li tibqa sejra sas-6.45p.m.
**Fil-5:30p.m.** Rużarju.
**Fis-5:45p.m.** Talba tat-Tieni Għasar tad-Dedikazzjoni tal-Knisja.
**Fis-6:15p.m.** Quddiesa kkonċelebrata mmexxija mill-Pirjol.

Il-Ġimgħa 6 ta' Diċembru
**LAQGĦA TAL-KATEKIŻMU**

**Fis-7p.m.** laqgħa tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika fl-Oratorju fil-Kunvent.
*(Il-Ġimgħa 13 ta' Diċembru ma jkunx hemm laqgħa tal-katekiżmu.)*

Is-Sibt 8 ta' Diċembru
**IRTIR TAL-AVVENT U SOLENNITÀ TAT-TNISSIL BLA TEBA' TA' MARIJA**

**Fis-7p.m.** laqgħa tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika fl-Oratorju fil-Kunvent.
*(Il-Ġimgħa 13 ta' Diċembru ma jkunx hemm laqgħa tal-katekiżmu.)*

Il-Ħadd 15 sat-Tnejn 23 ta' Diċembru
**NOVENA TAL-MILIED**

Kuljum fis-6p.m. rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija u barka sagramentali. Wara quddiesa bl-omelija.

Wara l-quddiesa jinqara l-ħsieb tan-novena u tingħad il-Kurunella tal-Bambin Ġesu' quddiem il-presepju fil-Knisja.

It-Tnejn 16 ta' Diċembru
**ĊELEBRAZZJONI TAL-MILIED TAL-KULLEĠĠ TA' SAN ALBERT IL-KBIR**

**Fis-5:45p.m.** purċissjoni bil-Bambin mill-Kunvent.
**Fis-6:15p.m.** quddiesa mmexxija mir-rettur tal-kulleġġ P. Aaron Zahra OP u wara kunċert tal-Milied mit-tfal tal-primarja.

Il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru
**LAQGĦA TAL-KATEKIŻMU**

**FIS-7P.M.** Laqgħa tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika fl-Oratorju fil-kunvent.

It-Tlieta 25 ta' Diċembru
**LEJLIET IL-MLIED**

Ikollna s-servizz tal-qrar wara l-quddies tas-7:30a.m. u wara l-quddiesa tal-10a.m.
**Fil-11:15p.m.** Liturġija tal-Uffiċċju tal-Qari u wara l-priedka tat-tifel. F'12a.m. tibda l-quddiesa kkonċelebrata mmexxija mill-pirjol.

L-Erbgħa 25 ta' Diċembru
**IS-SOLENNITÀ TAT-TWELID TA' SIDNA ĠESÙ KRISTU**

Quddies: **Fis-7a.m.** – Quddiesa tas-sebħ skond ir-Rit Dumnikan minn P. Alan J. Adami O.P.
Fit-8a.m., fl-10a.m. u f'12p.m. (Filgħaxija ma jkunx hemm quddies).

It-Tlieta 29 ta' Diċembru
**L-AĦĦAR JUM TAS-SENA**

**Fil-5:30p.m.** Rużarju.
**Fis-5:45p.m.** Talba tal-Għasar.
Fis-6:15p.m. Quddiesa u wara jsir il-kanta ta' Te Deum u barka sagramentali.

L-1 ta' Jannar 2020
**SOLENNITÀ TA' MARIJA OMM ALLA**

Quddies: Fit-8a.m., fl-10a.m. u f'12p.m. (Filgħaxija ma jkunx hemm quddies.)

